MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Talba Numru. 352/2004

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Charles Saliba**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm663.98c (sitt mija u tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm625.98c (sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta’ Lm38.00c (tmienja u tletin lira Maltin) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------